MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 71/2014

**Thomas u Bernardette konjugi Debono**

**vs**

**Anthony Fountain personalment u fil-kapacita tieghu ta' direttur ta' Bahia Estates Limited, Bahia Estates Limited (C 38808) u Steve Abela fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Bahia Estates Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-25 ta' Frar 2014 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuhom s-somma ta' tmint elef, tlett mija u tmienja u sitti Euro u hames centezmi (€8,368.05) rapprezentanti obbligazzjoni assunta minnhom permezz ta' skrittura datata 30 ta' Ottubru 2009 u 8 ta' Gunju 2013 ghal hlas ta' prezz ta' xoghlijiet rimedjali fit-terrazzini tal-fond appartenenti lill-certa Tracy Paris sovrastanti ghall-appartament tar-rikorrenti, liema xoghlijiet saru u thallsu mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali, kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill Anthony Fountain u Bahia Estates Limited fit 18 ta' Marzu 2014 kif dikjarat mill-Usher Reno Spiteri (fol 9 tergo).

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill Steve Abela fit 30 ta' April 2014 kif dikjarat mill-Marixxal John Francica (fol 11 tergo).

Rat ir-risposta ta' Steve Abela ippresentata fl-20 ta' Mejju 2014.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti Anthony fountain u Bahija Estates Limited (fol 16).

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2014 ir-rikorrent, permezz ta’ verbal, iddikjaraw illi ma kienux qed jinsistu dwar it-talba taghhom fil-konfront ta’ Steve Abela u allura qed tirtira t-talba taghhom fil-konfront tieghu.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2014 il-konvenuti Anthony Fountain u Bahija Estates Limited gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w filwaqt illi tillibera lill Steve Abela mill-osservanza tal-gudizzju in vista tal-verbal datat 2 ta’ Gunju 2014, tikkundanna lill-konvenuti Anthony Fountain u Bahija Estates Limited in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ tmint elef, tlett mija u tmienja u sitti Euro u hames centezmi (€8,368.05) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax mid-data tal-ppresentata ta’ l-avviz u bl-ispejjez tar-rikorrenti u ta’ Steve Abela lkoll kontra lill-konvenuti Anthony Fountain u Bahija Estates Limited in solidum bejniethom.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------